MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta ta' l-24 ta' April, 2013

Numru. 120/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**vs**

**Radwan Hijazi**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Radwan Hijazi, iben Radwan sive Rdowan u Moira nee' Cassar mwieled Pieta` nhar it-28 ta' Gunju 1993 u residenti No. 89, Triq Sir Charles Cameron, Gzira u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 288793M

Akkuzat talli nhar it-28 ta' Awwissu 2011 gewwa San Giljan:

1. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (Ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet Li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammisjoni bikrija tal-imputat u l-fedina penali tieghu aggornata. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll illi mix-xhieda tal-Probation Officer Charise Boffa[1], liema Probation Officer fil-prezent qeghda ssegwi lill-imputat, wara ordni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) presjeduta mill-Magistrat Dr. Edwina Grima, permezz ta' sentenza datata 24 ta' Jannar 2013, jirrizulta illi hemm bzonn illi l-istess imputat jaghmel programm sabiex jirriabilita ruhu mill-vizzju tad-droga. Il-Qorti qieset ukoll li l-

[1] Moghtija minnha fis-seduta tat-2 ta' April 2013; a fol 17 sa 20 tal-process.

imputat, minkejja l-eta’ tenera tieghu, jidher illi qabad it-triq il-hazina u allura ghandu jinghata l-opportunita’ u l-mezzi kollha disponibbli sabiex jaqbad it-triq it-tajba u jirriabilita ruhu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446, qed tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tliet (3) snin millum bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni tal-Probation hawn anness, fosthom illi huwa jibda u jikkompleta programm ta’ rijabilitazzjoni jew trattament iehor fi hdan wahda mill-Agenziji li jahdmu kontra l-vizzju, minghajr interruzzjoni, kif jigi suggerit lilu mill-Ufficjal tal-Probation tieghu u li jiehu kwalunkwe kura ohra, u jibda u jkompli kwalunkwe programm ta’ rijabilitazzjoni jew trattament iehor li jigi ndikat lilu mill-Ufficjal tal-Probation sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, u li joqghod ukoll ghad-direttivi kollha li jistghu jaghtuh il-persuni u/jew agenziji li jigi riferut lilhom mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-kundizzjonijiet kollha fl-Ordni tal-Probation jifformaw parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet/ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex titqabbad l-istess Probation Officer li diga’ qeghda ssegwi lil-imputat fuq ordni ta’ din il-Qorti diversament presjeduta, kif inghad izjed il-fuq.

Il-Qorti tirrakomanda wkoll lid-Direttur tal-Habs sabiex il-hati (li bhalissa qed jiskonta piena karcerarja dwar kundanna ohra) jinghata l-opportunita’ li jibda programm

ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga mill-aktar fis possibli.

Il-Qorti tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------